MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2010

Appell Kriminali Numru. 452/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Nezrin Grixti)**
**Vs**
**Ninian Mangion**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala
Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli f’dawn il-Gżejjer fit-2 t’Ottubru 2005 u tliet xhur qabel, ġewwa Paceville u bnadi oħra f’Malta, f’ħinijiet differenti :-

a) kellu fil-pussess tiegħu mediċina ristretta w psikotropika (ecstasy) mingħajr awtorizzazzjoni bil-miktub mis-Supratendent tas-Saħħa Pubblika bi ksur tad-dispożizzjonijeit tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li għandhom x’jaqsmu magħha, (Kap 31 tal-Liġijiet ta’ Malta) w ir-regolamenti dwar il-Kontroll tal-

Mediċini (Avviż Legali 22 tal-1985 kif emenedati), liema mediċina nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kienetx għall-użu esklussiv tiegħu;

b) kellu fil-pussess tiegħu r-raża mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet oħra li jkollha bħala bażi din ir-raża w dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
tas-27 ta' Novembru, 2009, li biha, wara li rat ir-regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif ukoll l-artikoli 40A, 120A(1)(a) u 120A(2)(b)(i) tal-Kap. 31 u l-artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101, sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu w ikkundannatu ghal piena ta' prigunerija ta' sitt xhur u ghall-hlas ta' multa ta' €468, liema multa tista' tithallas b'rati ta' €50 fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi zmien erba' gimghat. Jekk xi pagament ma jithallasx, il-bilanc jithallas f'daqqa. Jekk xi parti minn din il-multa ma tithallasx fiz-zmien moghti, allura din ghandha tinbidel f'jum prigunerija ghal kull €11.65 li ma jithallsux.
Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap. 9, il-Qorti kkundannatu jhallas is-somma ta' €448.69 (LM191.75) in konnessjoni max-xoghol tal-espert mahtur mill-Qorti. Dan il-hlas ghandu jsir fi zmien xahar.
Dwar il-flus esebiti, l-Qorti ordnat li jinghataw lura (skond il-valur f'Euros) lill-appellant minhabba nuqqas ta' prova b'sahhitha bizzejjed li xi parti minn dawn il-flus kienet il-frott ta' traffikar ta' droga. L-appellant jista' jaghzel li jispaccja [recte : "jpaci"] dan l-ammont ma dak dovut minnu skond il-paragrafi precedenti.
Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht is-sorveljanza tar-registratur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-9 ta' Dicembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja w tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma l-istess sentenza fejn sabitu hati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni, thassar u tirrevoka w tikkancella l-istess f'dik il-parti taghha fejn, in kwantu jikkoncerna l-ewwel

imputazzjoni, sabet lill-appellant hati ta’ pussess f’cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-appellant u konsegwentement tvarja w tirriforma l-istess sentenza f’dik il-parti taghha li tirrigwarda l-piena nflitta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant li huma s-segwenti :-

1. Illi r-ragunament obiter li l-Ewwel Qorti ghamlet kien tali illi wassal sabiex l-istess Qorti taghmel evalwazzjoni tal-ligi w interprettazzjoni tal-fatti li twassal erronjament ghas-sejbien tal-htija;
2. Illi dana qieghed jinghad limitatament in kwantu l-Ewwel Qorti rriskontrat il-htija tal-pussess ta’ ecstasy f’cirkostanzi li juru li ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-appellant;
3. Illi huwa priv minn kull sens ta’ ragonevolezza l-konsiderazzjoni mmarkata bl-ittra (f) fis-sentenza appellata. Tabilhaqq, propju ghaliex omm l-appellant kienet konsapevoli li binha jabbuza mid-droga, jaghmel sens li l-appellant ma jhallhiex id-droga d-dar;
4. di piu, ebda kumment ma ghamlet l-Ewwel Qorti li l-appellant mhux biss kellu l-vizzju tad-droga izda li tali vizzju kien iwassal ghall-konsum qawwi w sostanzjali ta’ droga. Hemm differenza bejn persuna li tabbuza mid-droga ghax ghandha vizzju tad-droga w persuna, bhal l-appellant, li l-konsum ta’ kull tip ta’ droga kien parti integrali minn hajtu. Din id-differenza l-Ewwel Qorti, ma rriskontrathiex bhalma lanqas ma kkummentat dwar il-fatt li l-appellant kien sahansitra spicca b’overdose ta’ droga;
5. dwar il-konsiderazzjoni (c) l-appellant jirribatti l-istess billi jaghmel riferenza ghas-sentenza : “Il-Pulizija vs David John Buttigieg”, deciza fit-13 t’Ottubru, 2009 mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Id-distinzjoni bejn l-hekk imsejjha perikolu ta’ tentazzjoni w l-pussess mhux ghall-uzu esklussiv gie pero’ mill-Ewwel Qorti ekwiparati f’kuncett wiehed.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-4 ta’ Frar, 2010, fejn ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija jesebixxi fedina penali aggornata korretta minnflok dik esebita mill-Prosekuzzjoni w jispjega ghaliex dik esebita ma kienetx korretta.

Rat in-Nota tal-Kummissarju tal-Pulizija tal-11 ta’ Frar, 2010, bl-ispjegazzjoni rikjesta w bl-annessa fedina penali aggornata kif korretta;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghall-udjenza tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Dan hu appell principalment mis-sejbien ta’ htija ta’ pussess aggravat ta’ ecstasy - ghax il-pussess semplici mhux qed jigi kontestat mill-appellant - u sussidjarjament mill-piena erogata mill-Ewwel Qorti.

L-ewwel aggravju jirrigwarda l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti. Kif dejjem gie ritenut, hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f’dan is-sens *“inter alia”* l-Appell Kriminali **: “Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.”** [12.5.94; **“ir-Repubblika ta’ Malta vs. George Azzopardi** “ [14.2.1989]; **“il-Pulizija vs.**

**Carmel sive Chalmer Pace"** [31.5.1991] **; "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**" [31.5.1991] u ohrajn .

"Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn **LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY** fil-kawza **"R. v. Cooper**" ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

"*assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)

Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta' htija dwar il-pussess aggravate tas-sustanza ecstasy skond l-ewwel imputazzjonijiet li taghha nstab hati l-appellant.

Ikkonsidrat;

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu fil-qosor is-segwenti:- Fit-2 t' Ottubru, 2005, l-appellant kien gie mwaqqaf mill-Pulizija gewwa Paceville ghall-habta tas-1 am. u fuqu nstabu tlettax il-pillola ecstacy, bicca raza tal-cannabis u LM112, li kienu in kwantu LM52 fil-portafoll tieghu w in kwantu LM60 fil-but tal-qalziet. Kien gie mwaqqaf ghaliex PS 564 Jeffrey Schembri u PS 69 Jesmond Cremona kienu nnotaw certi movimenti suspettuzi fejn l-appellant u certu Bernard Meilaq kienu dehru flimkien u f' hin minnhom dahlu flimkien fit-*toilets* pubblici w, wara ftit hin, hargu w infirdu u wiehed nizel 'l

isfel u l-iehor baqa' jdur fl-*area*. Meta waqqfu lil Meilaq sabulu pillola ecstasy u x' hin kellmuh qalilhom li kien gabha minnghand l-appellant. Ghalhekk huma arrestaw lill-appellant u haduh l-ghassa fejn sabulu d-drogi msemmija.

Meta gie interrogat l-appellant irrilaxxja l-istqarrija li tinsab a fol. 2 u 3 tal-process. Hu ammetta li d-droga w l-flus kienu tieghu w qal li d-droga kienet ghall-uzu personali tieghu. Qal li ma kellux problema ta' droga u li l-ahhar li kien uza l-ecstasy kien xi hames gimghat qabel go Paceville fejn kien ukoll ha xi 7 jew 8 pilloli, li kien jixtrihom LM3.75c il wahda. L-ahhar darba li kien uza l-cannabis kien fit-30 ta' Settembru, 2005 go San Gwann. Juza bicca ta' LM10 cannabis fil-gimgha imma mhux fil-*weekends* ghax b' dik thossok *relaxed* hafna.

Meta gie mistoqsi mill-Ispettur ghaliex kellu dawk il-flus kollha fuqu, l-appellant kien wiegeb li hu dejjem ikollu flus u matul il-weekend juza xi LM20 f' lejl. Il-cannabis li sabulu fuqu kien xtraha bil-prezz ta' LM10 xi hames jew sitt ijiem qabel. L-ecstasy kien xtraha l-jum ta' qabel filghodu kmieni go Paceville. Kien xtara tlettax il-pillola w ma kienx ghadu uza minnhom. Fil-lejl tal-Gimgha sbieh is-Sibt kien raqad id-dar. Kien qed igorr dik id-droga ghax kien ser jibla' minnhom. Kien ser jiehu 6, forsi 8 u l-kumplament johodhom id-dar. Ma kienx hadhom id-dar *just in case* jigi bzonnhom. Il-cannabis kienet fuqu ghax dik tieghu w jzommha fuqu, ghax inkella ssibha ommu. Ma jircevi ebda *"relief"* u l-flus igibhom minnghand ommu li taghtih LM20 fil-gimgha u minnghand zijtu Dolly li taghtih LM25 ohra fil-gimgha. Meta waqqfuh il-Pulizija kien ilu barra sa mill-10.30pm. Kellu dawk il-flus fuqu ghax kien sejjer jixrob u kien hareg dawk il-flus barra u li kien jibqa' jerga jdahhlu lura fil-*wallet*. Cahad li qatt biegh droga jew li kien jiehu xi droga ohra barra r-raza tal-cannabis u l-ecstasy.

Skond l-Ispizjar Mario Mifsud ir-raza tal-pjanta cannabis li kienet tizen 2.947 grammi kellha purita' ta 6.2%.

Kienet xehdet ukoll quddiem l-Ewwel Qorti omm l-appellant Nadine Mangion li spjegat ir-retroxena familjari tal-appellant u kif hu nqabad fid-dissidji matrimonjali bejnha w bejn zewgha u kif kien isofri minn *dyslexia* w ma jmurx tajjeb fl-iskola. Qalet li kienet tatih xi LM20 fil-gimgha w iz-zija taghha Dolly Bajada kient ukoll tatieh somom konsiderevoli ta' flus. B' kollox l-omm tatu xi LM1000 meta wirtet u anki xtratlu karozza. Darba kienet tefghetu barra mid-dar ghax ha overdose w l-appellant mar Suriet il-Bniedem.

Fuq talba tad-difiza kienu gew esebiti fil-process zewg sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' Frar, 2009, fejn l-appellant darba kien instab hati ta' pussess semplici tad-droga eroina fit-28 t' Ottubru, 2005 u ma tul it-tlitt xhur ta' qabel, u darba ta' pussess semplici ta' ecstasy fil-5 ta' Gunu, 2005 u matul is-sentejn ta' qabel. Fiz-zewg sentenzi kien gie liberat b' kondizzjoni.

Fis-sentenza motivata taghha, l-Ewwel Qorti kkonsidrat diversi punti li fuqhom ibbazat is-sejbien ta' htija ta' pussess aggravat tal-ecstacy skond l-ewwel imputazzjoni.

L-Ewwel Qorti korrettement bdiet biex iddikjarat li kienet qed tiskarta dik il-parti tad-depozizzjoni tal-ufficjali tal-Pulizija fejn semmew dak li qalitilhom terza persuna u cioe' li kienet xtrat id-droga minghand l-appellant, peress li din kienet biss *"hearsay evidence"* ghax il-persuna koncernata ma gietx prodotta bhala xhud.

**<u>Din il-Qorti ma tistax tifhem ghala xhud hekk importanti bhal ma suppost kien Bernard Meilaq ma giex prodott bhala xhud kontra l-appellant meta skond l-istess Pulizija kien fuq l-informazzjoni li tahom hu li mbaghad waqqfu w arrestaw lill-appellant!</u>**

Imbaghad qalet li n-numru ta' 13 il-pillola ecstasy ma kienx wiehed zghir u jizboq dak li allegatament kien jikkonsma l-appellant. L-ammont instab barra go Paceville, fejn it-tentazzjoni ghaz-zaghzagh li jiehdu l-

ecstasy hu kbir. La l-appellant kien ilu ma jiehu l-ecstasy ghal hames gimghat ma kienx jaghmel sens li jkollu dak in-numru ta' pilloli fuqu. Li fis-1.15 am. l-appellant, li jghid li kienu jiehu tminja ecstacy, kien ghadu ma ha xejn minnhom u kellu mhux biss 8 imma 5 ohra *"just in case".* Li l-Qorti ma kienetx impressjonata mill-ispjegazzjoni li ta l-appellant li kien qed igorr id-droga fuqu flok halliha d-dar minnhabba xi *"biza mill-mama*". Wara li qieset dawn il-punti kumulattivament, l-Ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li l-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-appellant dak il-hin.

Ikkonsidrat;

Fir-rikors tal-appell tieghu w fil-kors tat-trattazzjoni orali quddiem din il-Qorti l-appellant ressaq argumenti kogenti ghala l-konkluzzjoni tal-Ewwel Qorti ma kellhiex treggi. Fosthom irrileva l-inkonsistenza li kien hemm bejn il-parti *"obiter"* tas-sentenza fejn il-Qorti donna insinwat indirettament li l-ammont ta' flus li kellu fuqu l-appellant ma kienx biss dak li legittimament kien inghata lilu w l-parti dispozittiva tas-sentenza fejn ordnat li l-flus elevati kellhom jinghataw lura lill-appellant *"minhabba nuqqas ta' prova b' sahhitha bizzejjed li xi parti minn dawn il-flus kienet il-frott ta' traffikar ta' droga."*

Jissottometti ukoll li in-numru ta' pilloli misjuba ma kienx tali li ghandu necessarjament iwassal ghall-konkluzzjoni li dan kien intiz biex jigi spaccjat. Jekk l-Ewwel Qorti accettat li bhala *abuser* kien ser jikkonsma tmin (8) pilloli hu stess dak il-lejl, allura dan ifisser li hu bil-fors kellu jzomm dan l-ammont biss fuqu? Jirrizulta li l-appellant kien mahkum mill-vizzju tad-droga f' dak l-epoka, tant li nstab hati f' zewg okkazzjonijiet ohra li jirrisalu ghal ftit xhur qabel u ftit gimghat wara l-fatt li ta lok ghal din il-kawza.

Ikkonsidrat;

Illi, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Marius Magri"** [12.5.2005], dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta' biex wiehed jiddetermina jekk

id-droga li tkun instabet kienetx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f’ dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f’ dan ir-rigward tista’, skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. **“Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio”** [26.8.1998]). Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista’ tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara. Appell Kriminali : **“Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri”** [2.9.1999].)

Illi pero’ kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi *“hard and fast rule*” x’ inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b’ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli. (App. Krim. **“Il-Pulizija vs. Brian Caruana”** [23.5.2002]).

Illi proprju f’ dan il-kaz wiehed mill-motivi li adduciet l-Ewwel Qorti ghad-decizjoni taghha fir-rigward kien li l-ammont ta’ pilloli tal-ecstasy misjuba ma kienx wiehed baxx.

Issa huwa risaput li l-ammont tad-droga li tinstab hija wiehed mill-fatturi determinanti li l-Qrati jistghu jibbazaw fuqhom il-konsiderazzjonijiet taghhom biex jiddeciedu jekk tali pussess ikunx ghall-uzu esklussiv tal-hati jew inkellha jkunx indikativ li mhux ghall-uzu esklussiv tieghu. (Ara

App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Kevin Bellotti"** [25.5.2007] u ohrajn)

Hekk fl-appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Anthony Frendo"** [10.4.2008] kien gie deciz li l-fatt li kienu nstabu tmin boroz li d-daqs taghhom hu kwazi ezatt u li kienu jikkontjenu l-eroina w dan f' post sensittiv hafna bhal ma kien vicin id-Detox Centre, kien sinifikattiv. Din il-Qorti, kienet qablet mal-Ewwel Qorti li ma kienx hemm raguni ghala l-appellant kellu joqghod jigri barra bi tmin *sachets* proprju qrib id-Detox Centre fejn hu risaput li tant zaghzagh li ghandhom il-vizzju tad-droga jmorru ghall-kura. Kienet ghalhekk ikkonkludiet li l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha w cioe' li c-cirkostanzi kienu tali li jindikaw li dak il-pussess tad-droga eroina ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-appellant.

Illi inv

ghax-xoghol ma ditta l-ewwel darba dak in-nhar, ma kienx spjegabbli facilment ghaliex hu kellu jiehu mieghu sitt qratas kontenenti eroina apparti l-kontenut li kien hemm f' borza w li kien ukoll fil-vicinanzi tad-Detox centre, fejn hu risaput li jsir spacc tad-droga fuq bazi regolari, ddecidiet li ma setghatx teskludi l-versjoni li ta l-appellant fl-istqarrija tieghu w li din setghet tigi accettata fuq bazi ta' probabbilita' li minkejja s-suspett qawwi li kienu jiggeneraw ic-cirkostanzi, din il-Qorti ma ratx li c-cirkostanzi necessarjament setghu jwassluha ghac-certezza morali li dik id-droga ma kienetx ghall-uzu esklussiv tal-appellant.

L-istess kien gie deciz fl-appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Glen Busuttil"** [15.1.2009] fejn ghalkemm din il-Qorti bhall-Ewwel Qorti, ma hassitx li kienet konvinta ghall-ahhar dwar il-versjoni moghtija mill-appellant dwar il-provenzjenza tal-flus li gew elevati mid-dar tieghu, mill-banda l-ohra ma hassitx li semplicement biss mill-kwantita' tad-droga elevata w esebita w kif id-droga nstabet maqsuma, seta' jintqal bla ebda dubju ragonevoli li dan necessarjament kien jindika li d-droga misjuba kienet intiza ghall-ispaccar lil terzi.

Din il-Qorti, wara li rriflettiet fit-tul u qieset ic-cirkostanzi kollha w ma tarax li n-numru ta' tlettax (13) il-pillola ecstasy kien tali li necessarjament jindika li kien intiz ghall-ispacc. Tqis ukoll li l-ispjegazzjonijiet u ragunijiet li ta l-appellant fl-istqarrija tieghu setghu ikunu accettabbli fuq bazi ta' probabbilta' w ghalhekk ma kellhomx jigu skartati. F' dan il-kaz, din il-Qorti ghad ghandha dak il-***"lurking doubt"*** li jrid iwassal biex id-dubju dettat mir-raguni jmur favur l-appellant.

Konsegwentement din il-Qorti qed tilqa' l-aggravju tal-appellant dwar li ma hemmx provi sufficjenti li jindikaw bla ebda dubju dettat mir-raguni li dawn il-pilloli ma kienux ghall-uzu esklussiv tal-appellant.

Ikkonsidrat;

Dwar it-tieni aggravju dwar il-piena, din ghalkemm ser ikollha tigi ridotta in vista ta' dak li ntqal fil-paragrafu precedenti, kif qalet din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri**" fuq gja citata, *"Jibqa' pero' il-fatt inkwjetanti tal-ammont ta' droga involuta, ammont li fih innifsu kien jikkostitwixxi perikolu ghal terzi, ghax dak li jkun jista' facilment jiddeciedi li, flok ma juza d-droga esklussivament hu, jaqsamha ma haddiehor jew addirittura ibieghha lil terzi…..*"

Mill-ezami tal-fedina penali tal-appellant aggornata (kif issa korretta bin-Nota tal-Kummissarju tal-Pulizija tal-11 ta' Frar, 2010) jirrizulta li l-appellant, b' kollox instab hati darbtejn ohra ta' pussess illegali ta' sustanzi projbiti; darba ta' pussess tal-ecstasy fil-5 ta' Gunju, 2005 u matul is-sentejn ta' qabel u darb' ohra ta' pussess tad-droga kokaina fit-28 t' Ottubru, 2005 u ma tul it-tlitt gimghat ta' qabel dik id-data.

Mill-banda l-ohra ma jidhirx li mill-2005 'l hawn rega' kkommetta xi reati ohra kwalsiasi. Jidher ukoll li skond ic-certifikati esebiti (fols. 49 sa 51 u 59 tal-process) li l-

appellant kien qed jittesta negattiv ghad-droga fis-snin 2008 u 2009.

Ghalhekk din il-Qorti tara li issa li din hija t-tielet darba li hu qed jinstab hati ta' pussess semplici ta' zewg tipi ta' sustanzi projbiti w cioe' l-ecstasy skond l-ewwel kap u r-raza tal-cannabis skond it-tieni kap, hu ghandu jigi kundannat ghall-oghla piena pekunjarja possibbli, li pero' - f' kaz ta' konversjoni tal-multa f' terminu ta' prigunerija - ma tkunx taqbez is-sitt (6) xhur prigunerija li hu gie kundannat mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati ta' pussess ta' medicina ristretta w psikotropika (ecstasy), liema medicina nstabet f' tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu w fejn ikkundannatu ghal sitt (6) xhur prigunerija w ghall-multa ta' erba mija w tminja w sittin Ewro (€468), pagabbli bil-modalita' indikata fl-istess sentenza w, minnflok issibu mhux hati tal-ewwel akkuza kif dedotta imma hati biss ta' pussess semplici ta' medicina ristretta w psikotropika (ecstasy) w tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati ta' pussess semplici tar-raza mehuda mill-pjanta cannabis taht it-tieni imputazzjoni w fejn ikkundannatu jhallas l-ispejjez peritali fi zmien xahar, u bl-applikazzjoni tal-artikolu 120A (2) (b)(ii) tal-Kap.31 u l-artikolu 22 (2) (b) (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta w tal-artikolu 17 (f) tal-Kodici Kriminali ghall-konkors tad-delitti w pieni, tikkundannah ghal piena komplessiva ta' elfejn u disghin Ewro (€2090) multa, li , jekk ma tithallasx illum stess, tigi konvertita f' terminu ta' sitt xhur prigunerija skond il-ligi w tikkonfermaha fil-kumplament kollhu taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------